# PROGRAMM TAL-FESTA
## 7-14 ta' Settembru 2014

**Il-Ħadd 7:**
**Mit-8.30am sal-11.45am:** Ġbir ta' donazzjonijiet b'rizq *l-Inspire Foundation* fuq iz-zuntier. Jinghataw *biro* sabiħa ma' kull donazzjoni.

**It-Tnejn 8:**
**Festa tat-twelid ta' Marija – Festa Pubblika:** Quddies 7.30am, 8.30am, 9.30am u 6.30pm. Fil-quddiesa ta' filgħaxija tingħata merħba lill-istudenti li sa jidħlu l-kunvent għall-ewwel darba. Iqaddes P. Andrew Galea, Rettur tal-Postulanti.

**It-Tlieta 9:**
Fis-6.30pm quddiesa minn P. Stephen Borg. Mistiedna speċjalment l-anzjani u n-nanniet kollha. Matul il-quddiesa jingħata s-Sagrament tal-Griżma tal-morda.

**L-Erbgħa 10:**
Fis-6.30pm quddiesa bħas-soltu.

**Il-Ħamis 11:**
Fis-6.30pm quddiesa minn P. Christian Borg għat-tfal, Pre-Youths u l-adoloxxenti. Wara attività ta' logħob b'riżq l-*Inspire Foundation* fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Qawra mis-7.30pm sad-9.30pm. Ikun hemm ikel u luminata għall-bejgħ għal kulħadd.

**Il-Ġimgħa 12:**
Fis-6.30pm quddiesa mill-Kappillan P. Christopher Galdes . Wara l-quddiesa intom ilkoll mistiedna għas-serata ferriħija fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Qawra. F'din l-attività ser ikollna ikel u xorb għal kulħadd bil-kant u divertiment. Fl-istess ħin inkomplu nuru s-solidarjetà tagħna b'riżq *l-Inspire Foundation.*

**Is-Sibt 13:** LEJLIET IL-FESTA
Fis-6.30pm quddiesa.
Fit-8.00pm quddiesa.
Wara l-quddiesa, issir l-Adorazzjoni Ewkaristika matul il-lejl kollu fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Qawra. Jekk ikun il-maltemp issir fil-Knisja.

**Il-Ħadd 14:** JUM IL-FESTA
Mit-8.30am sal-11.45am: Ġbir ta' donazzjonijiet b'rizq *l-Inspire Foundation* fuq iz-zuntier. Jingħataw *biro* sabiħa ma' kull donazzjoni.
Quddiesa tat-8.00am.
Quddiesa tad-9.30am għat-tfal u żgħażagħ.
Quddiesa tal-11.00am: Iqaddes il-Kappillan Fr. Christopher Galdes.
Quddiesa tas-6.30pm. Quddiesa. Wara l-quddiesa issir serata ta' żfin fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Qawra mis-7.30pm 'il quddiem. Ikun hemm ikel u xorb għall-bejgħ.

**IL-ĦADD 21 ta' Settembru 2014:**
Se jkollna fostna membri mill-*Inspire Foundation* biex jiġi ippreżentat bis-somma li tkun inġabret b'riżq l-*Inspire Foundation* fil-ġimgħa tal-festa. Il-preżentazzjoni issir mill-Kappillan tal-Parroċċa tagħna Fr. Christopher Galdes wara l-quddiesa tad-9.30am.

Il-Komunità tal-Patrijiet jixtiequ l-FESTA T-Tajba lill-Parruċċani kollha.